



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 9.9.2015
JOIN(2015) 40 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

L-indirizzar tal-Kriżi tar-Refuġjati fl-Ewropa: Ir-Rwol tal-Azzjoni Esterna tal-UE

L-indirizzar tal-Kriżi tar-Refuġjati fl-Ewropa: Ir-Rwol tal-Azzjoni Esterna tal-UE

I. Il-kriżi ta' bħalissa tar-refuġjati u l-kuntest internazzjonali tagħha

L-Unjoni Ewropea (UE) qed taffaċċja l-akbar kriżi tar-refuġjati mit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija lil hawn. Is-sitwazzjoni preżenti trid titqies f'kuntest aktar wiesa' ta' kunflitt vjolenti u distabilizzazzjoni f'partijiet oħra tad-dinja. Hija kriżi ta' kobori li qatt ma rajna bħalu qabel li l-parti l-kbira toriġina minn kunflitti u persekuzzjonijiet fil-viċinat aktar wiesa' tal-Ewropa. Il-kunflitti vjolenti fis-Sirja u fl-Iraq jew l-instabbiltà u l-faqar f'partijiet tal-Afrika ġegħlu lil miljuni ta' nisa, irġiel u tfal biex jaħarbu minn pajjiżhom biex ifittxu protezzjoni u ħajja diċenti, inkluża fl-Unjoni Ewropea.

L-Unjoni Ewropea qed isaħħaħ ir-reazzjoni tagħha għal din il-kriżi fuq il-bażi tal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' responsabbiltà u bir-rispett sħiħ tal-valuri u tal-obbligi internazzjonali tagħha. Sa mill-bidu tal-2015, l-UE orjentat mill-ġdid u mmobilizzat l-istrumenti ta' azzjoni esterna kollha tagħha bħala reazzjoni għall-kriżi tar-refuġjati bi tliet għanijiet: li ssalva l-ħajjiet, li tiżgura l-protezzjoni ta' dawk fil-bżonn u li tiġġestixxi l-fruntieri u l-mobbiltà.

Il-flussi migratorji żiedu b'mod sostanzjali fl-2014, speċjalment fir-**rotta tal-Mediterran Ċentrali**. Is-sena 2015 s'issa rat li s-sitwazzjoni tiddeterjorab'mod drammatiku. Iċ-ċifri ta' dawk li jaqsmu għal għol-Unjoni Ewropea permezz ta' dik li hija msejħa r-**rotta tal-Mediterran tal-Lvant** jammontaw għal 182,740¹, żieda enormi meta mqabbla mal-2014. Il-migranti jmorru fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u fis-Serbja u wara jibqgħu sejrjn lejn l-Ungerija u Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea tul dik l-imsejħa **rotta tal-Balkani tal-Punent**. Sa Awwissu 2015, ġew irreġistrati 142,649 dħul irregolari fl-Ungerija permezz din ir-rotta.

Filwaqt li l-għamla tal-flussi migratorji hija waħda mħallta, hemm żieda enormi fin-numru ta' persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, **speċjalment mis-Sirja, mill-Iraq u mill-Afganistan**. Fil-fatt, 90% ta' dawk li jużaw ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant huma ċittadini minn wieħed minn dawn it-tliet pajjiżi. Il-migranti irregolari li jużaw ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali l-parti l-kbira jiġu mill-Afrika Sub-Saħarjana, u bosta drabi jiġu wkoll minn żoni ta' kunflitt: madwar 20% huma mill-Eritrea, 12% mis-Somalja, imma xorta, 10% huma mis-Sirja. Din ir-rotta bidlet il-kompożizzjoni tagħha meta mqabbla mal-2014, meta l-aktar kienet l-aktar waħda użata mir-refuġjati Sirjani. Madankollu, il-volumi ta' qsim huma simili (106,290 sa Awwissu 2015). Il-bidliet ta' malajr fil-kompożizzjoni tal-flussi migratorji u fir-rotot li jintużaw huma indikazzjoni tal-abbiltà tat-traffikanti tal-migranti biex jadattaw għal ċirkustanzi ġodda.

Filwaqt li ċ-ċittadini Ewropej jistgħu jipperċepixxu l-pressjoni migratorja kurrenti bħala waħda drammatika, bl-ebda mod l-Unjoni Ewropea ma hija r-reġjun l-aktar affetwat fid-dinja.

¹ Aġġornamenti statistiċi ta' kull ġimgħa tal-Frontex: Jannar – Awwissu 2015

Skont il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) fl-2014 id-dinja laħqet l-**ogħla numru ta' refuġjati u ta' persuni spostati** mit-Tieni Gwerra Dinjija lil hawn: 59.5 miljun. Aktar minn **85% ta' dawn il-persuni jgħixu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw**. Numru kbir ħafna ta' persuni qed jiġu spostati f'pajjiżhom² u r-refuġjati bosta drabi jfittxu l-ewwel kenn fil-pajjiżi ġirien. Pereżempju, l-akbar parti tar-refuġjati Sirjani ġiet ospitata mill-Libanu, mill-Ġordan u mit-Turkija. Ħafna mill-migrazzjonijiet Afrikani saru ġewwa l-Afrika nnifisha: aktar minn 8.4 miljun migrant intern fl-Afrika tal-Punent waħedha. Dan juri li l-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati kurrenti mhijiex biss, u lanqas primarjament, problema Ewropea. Din hija sfida internazzjonali ewlenija. L-Unjoni Ewropea hija fuq quddiem tal-isforzi internazzjonali bil-għan li jiġu indirizzati l-kunflitti u l-instabbiltà u li jappoġġaw l-popli affetwati.

II. Il-qafas ta' politika u r-reazzjoni tal-Unjoni Ewropea

Matul l-aħħar xhur, l-istituzzjonijiet tal-UE mmobilizzaw l-isforzi kollha tagħhom biex jirreaġixxu għal din il-kriżi globali. Il-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni, speċjalment permezz tal-**Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni**³ żviluppaw l-elementi ewlenin tar-reazzjoni Ewropea għall-isfidi migratorji kemm dawk interni u internazzjonali.

L-ewwel prijorità tibqa' dik li jiġu salvati l-ħajjiet ta' dawk li jippruvaw jaqsmu l-Mediterran fit-triq tagħhom lejn l-Ewropa. Imma, ċertament huma essenzjali l-protezzjoni tan-nies fil-bżonn, l-immobilizzar tal-ġhajjnuna umanitarja, l-iżgurar tal-aċċess għall-ażil, u l-indirizzar tal-kawżi ewlenin, b'mod partikolari l-kunflitt, il-vjolenza politika, l-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem u l-faqar. Dawn l-għanijiet iridu jibqgħu fil-qalba tar-reazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Fl-affaċċar tal-kriżi kurrenti, qed tingħata preċedenza lil azzjonijiet li għandhom impatt immedjat akbar fuq il-flussi migratorji. Fl-istess ħin, hemm bżonn ta' impenn fit-tul fuq dawn il-kwistjonijiet biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin. L-Unjoni Ewropea għandha l-intenzjoni li ssaħħaħ id-djalogu politiku, il-kooperazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u tal-esperjenza mal-pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali sabiex tiġi appoġġata l-mobbiltà tal-persuni bħala element pożittiv tal-iżvilupp tal-bniedem. Il-kooperazzjoni b'approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li tinkludi d-drittijiet tal-bniedem se tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi, inkluża l-migrazzjoni min-Nofsinhar għan-Nofsinhar, u s-sitwazzjoni tal-migranti vulnerabbli.

Din il-Komunikazzjoni – parti minn pakkett aktar wiesa' ta' proposti adottati mill-Kummissjoni Ewropea – tiddekrivi l-azzjoni esterna mill-Unjoni Ewropea biex tindirizza l-kriżi tar-refuġjati. Din tibni fuq struttura b'saħħitha ta' impenn internazzjonali fil-livelli

² Fuq il-bażi taċ-ċifri taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ ta' Spostamenti Interni tan-NU, iċ-ċifri ta' persuni spostati internament f'Lulju/Awwissu 2015 kienu kif ġej: is-Sirja (7,600,300); l-Iraq (3,171,600); is-Sudan (2,192,830); is-Sudan t'Isfel (1,645,392); il-Pakistan (1,375,900); in-Niġerja (1,500,000); is-Somalja (1,133,000); l-Afganistan (805,409); iċ-Chad (130,000); il-Kamerun (80,000); in-Niġer (50,000).

³ COM(2015)240

bilaterali, reġjonali u multilaterali f'dan il-qasam speċjalment fuq il-bażi tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità tal-2011.⁴

Qed jiġu mobilizzati strumenti finanzjarji ewlenin. B'allokazzjoni baġitarja ta' EUR 96.8 biljuni għall-perjodu 2014-2020, il-kooperazzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-kooperazzjoni għall-żvilupp ta' madwar id-dinja, għandha rwol importanti fl-indirizzar tal-faqar, fl-insigurtà, fl-inugwaljanza jew fil-qgħad. Din tinkludi l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea foqasma bħat-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol, il-paċi u s-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba għal reġjuni u pajjiżi minn fejn joriġinaw il-flussi tar-refuġjati.

Fil-kuntest tal-kriżi kurrenti u flimkien mal-Fond Fiduċjarju tas-Sirja, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi wkoll lill-Istati Membri tal-UE **Fond Fiduċjarju Ewropew ta' Emerġenza għall-istabbiltà u għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari u tal-persuni spostati fl-Afrika.** Il-Fondi Fiduċjarji jippermettu lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lid-donaturi kontribwenti biex jirreaġixxu għal dimensjonijiet differenti ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza billi jintervjenu b'mod konġunt, flessibbli u malajr, b'reazzjoni għall-ħtiġijiet li dejjem jinbidlu. Il-Fond Fiduċjarju propost se jsostni l-istabbiltà, jipromwovi reżiljenza, żvilupp ekonomiku, sigurtà, u ġestjoni tal-migrazzjoni. Dan se jipprovdi lill-UE u lill-Istati Membri tagħha bi strument rapidu u flessibbli kapaċi li jagħti aktar riżultati rapidi. Se jgħin biex jistimola s-sostenn tal-UE. Fl-istess ħin jipprovdi pjattaforma għal viżibbiltà politika aktar b'saħħitha u se jikkontribwixxi għal approċċ aktar integrat u koerenti. Il-Fond Fiduċjarju huwa mistenni li se jkun wieħed mir-riżultati konkreti tas-Summit tal-Belt Valletta f'Novembru 2015. Il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jistenna li l-Istati Membri jikkontribwixxu b'mod konsistenti u ġeneruż.

III. Kwistjonijiet ewlenin u reazzjoni tal-Unjoni Ewropea

L-Unjoni Ewropea hija attiva madwar id-dinja. Li ġejjin huma l-pajjiżi u reġjuni l-aktar rilevanti għall-kriżi kurrenti:

- **Is-Sirja u l-Iraq**

L-UE ilha tappoġġa inizzjattivi diplomatiċi biex jinstabu soluzzjonijiet politiċi sa mill-bidu tal-kunflitti fis-Sirja u fl-Iraq. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli fasslu l-qafas ta' politika għal strateġija reġjonali, inkluża l-ġlieda kontra Da'esh f'Komunikazzjoni⁵ adottata aktar kmieni din is-sena, kif ukoll impenji finanzjarji ta' EUR 1 biljun. **Aktar minn erba(4) miljun Sirjan ħarbu minn pajjiżhom** flimkien ma' 7.6 miljuni spostati internament u aktar minn 230,000 maqtula. **Il-parti l-kbira tar-refuġjati Sirjani jinsabu fil-Libanu, fil-Ġordan u fit-Turkija** u ċ-ċifri qed dejjem jikbru, filwaqt li jpoġġu pressjoni politika, ekonomika u soċjali kbira fuq dan il-pajjiżi. Sa mill-bidu tal-2015, hekk kif il-kapaċità tal-

⁴ COM(2011)743

⁵ JOIN (2015) 2 finali

pajjiżi ġirien biex jakkomodaw ir-refuġjati l-ġodda laħqet il-limiti tagħha u l-politiki tal-fruntiera saru aktar restrittivi, kien hemm żieda sostanzjali kemm fl-ispostamenti interni u fl-flussi diretti tar-refuġjati lejn l-UE, b'mod partikolari l-Greċja.

Sa mill-2011, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha mobilizzaw aktar minn **EUR 3.9 biljuni** f'fondi umanitarji, ta' żvilupp, ekonomiċi u ta' stabilizzazzjoni biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' dawk spostati internament, tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti fis-Sirja, fl-Iraq, fil-Ġordan, fil-Libanu jew fit-Turkija. Barra mill-kontribuzzjoni globali, il-baġit tal-UE kkontribwixxa madwar EUR 1.8 biljuni.

Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana⁶ ġie stabbilit biex jipprovdi reazzjoni koerenti u msaħħa fuq skala reġjonali. Barra li tappoġġa l-pajjiżi ġirien li qed jospitaw ir-refuġjati, l-għajnuna hija diretta wkoll għal sforzi umanitarji, ta' stabilizzazzjoni u ta' żvilupp ġewwa s-Sirja, inkluż l-istabbiliment mill-ġdid tal-governanza lokali u l-ġhotti ta' servizzi bażiċi. Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Istati Membri biex ikomplu jikkontribwixxu għall-Fond Fiduċjarju.

Uffiċċju tal-UE f'Gaziantep (it-Turkija t'Isfel) jgħin fil-koordinament tal-operazzjonijiet. **Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida għal operazzjonijiet transfruntieri** fis-Sirja nħoloq għal dan il-ġhan. Barra minn hekk, l-UE tippromwovi wkoll l-użu tal-Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni biex issostni l-pajjiżi ewlenin ta' refuġju u/jew ta' tranżitu fil-Lvant Nofsani.⁷ B'hekk iżżied komponent ta' 'żvilupp' mal-programmi ta' protezzjoni reġjonali ta' qabel, **il-Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni huma ffokati biex jipprovdu protezzjoni** lil dawk fil-bżonn, imma wkoll biex **isaħħu r-reżiljenza** tar-refuġjati, tal-persuni spostati internament u tal-komunitajiet ospitanti, u biex jindirizzaw kriżijiet tar-refuġjati fit-tul fejn l-għajnuna umanitarja ma tistax tipprovdi soluzzjoni fit-tul.

L-UE faħħret l-isforzi kbar li saru mil-**Libanu, il-Ġordan u t-Turkija** billi ospitaw ir-refuġjati li qed jaħrabu l-vjolenza fis-Sirja fl-Iraq u komplet tipprovdi għajnuna. Proġetti sostanzjali li jappoġġaw ċentri tal-komunità, is-sigurtà tal-ikel, l-għajxien, l-iskejjejl u t-taħriġ vokazzjonali għar-refuġjati fir-reġjun bħalissa qed jiġu ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, inklużi EUR 855 miljun f'għajnuna umanitarja fis-Sirja, imma wkoll fil-Libanu, il-Ġordan u t-Turkija.

Fl-**Iraq**, aktar minn 3.1 miljun persuna spiċċaw spostati internament wara tliet snin ta' kunflitt. Minkejja li ċ-ċifra ta' Iraqini li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni Ewropea għadha limitata meta mqabbla ma' dik tas-Sirjani, fil-ġejjieni jista' jkun li ċ-ċifra tagħhom tista' tikber b'mod konsiderevoli. Fl-2015, il-Kummissjoni Ewropea allokat EUR 65.55 miljun f'għajnuna umanitarja b'reazzjoni għall-kriżi fl-Iraq. L-għajnuna umanitarja tal-UE lill-pajjiż, inkluż ir-reġjun tal-Kurdistan tal-Iraq, tinkludi reazzjoni ta' emerġenza biex jiġu salvati l-ħajjiet lill-aktar vulnerabbli u għajnuna medika. L-UE qed issaħħa il-ħidma politika u diplomatika sabiex tappoġġa l-isforzi kollha għal unità akbar u inklużjoni fil-pajjiż.

⁶ http://ec.europa.eu/enlargement/neighbourhood/countries/syria/madad/index_en.htm

⁷ EUR 12-il miljun f'sostenn

- **It-Turkija**

It-Turkija huwa l-pajjiż li bħalissa qed jospita, b'kollox, l-akbar numru ta' refuġjati madwar id-dinja.

Qed jinfetaħ djalogu ddedikat mat-**Turkija** biex jiġu identifikati metodi biex tingħata għajjnuna lir-refuġjati Sirjani kif ukoll biex jissaħħaħ il-kontroll tal-fruntiera u tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata responsabbli għat-traffikar tal-migranti irregolari. Id-djalogu mat-Turkija jeżamina aktar kooperazzjoni biex tinstab soluzzjoni għall-kriżi Sirjana.

Fl-2015, l-iffinanzjar lit-Turkija relatat mal-kriżi fis-Sirja jammonta għal EUR 175 miljun. L-iffinanzjar mill-Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni⁸ fil-qasam tal-affarijiet interni se jiżdied minn **EUR 130 miljun** għall-perjodu 2007-2013 għal allokkazzjoni indikattiva ta' **EUR 245 miljun** għall-perjodu 2014-2016. It-Turkija se tibbenefika wkoll, flimkien mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, minn programm għall-ġestjoni tal-migrazzjoni reġjonali. L-għajjnuna finanzjarja tal-UE ssostni wkoll l-isforzi tat-Turkija biex tkun konformi mar-rekwiżiti tal-ftehim ta' riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija.

Uffiċjal ta' Kollegament tal-Frontex se jiġi mobilizzat f'Ankara sal-aħħar tas-sena biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni operattiva. L-isforzi biex jiġu identifikati u jiġu rritornati malajr dawk li ma għandhomx hteġa ta' protezzjoni internazzjonali se tiġi appoġġata fit-Turkija kif ukoll f'pajjiżi ta' tranżitu oħrajn.

Sa mill-bidu tal-2014, il-Kummissjoni Ewropea qed twettaq ukoll djalogu ta' liberalizzazzjoni tal-viża mat-Turkija. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' ġestjoni integrata tal-fruntiera skont il-politiki tal-UE, f'termini tas-sigurtà tal-fruntiera fuq l-art u fuq il-baħar u tas-sorveljanza u tal-infurzar tal-kontrolli doganali. Id-djalogu jipprovdi wkoll gwida politika bil-għan li tipprevjeni u tiġġieled il-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u l-korruzzjoni, issaħħaħ il-kooperazzjoni gudiżzarja, il-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi u il-protezzjoni tad-dejta personali.

- **Il-Balkani tal-Punent**

L-Unjoni Ewropea żiedet wkoll l-appoġġ tagħha lill-**pajjiżi tal-Balkani tal-Punent** li mhumiex membri tal-UE, li bħalissa qed jirċievu flussi tar-refuġjati bla preċedent, primarjament mis-Sirja. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-proċess tal-ażil u tal-akkoljenza, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata responsabbli għat-traffikar tal-migranti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni Ewropea qed tiffinalizza programm reġjonali ta' sostenn għall-protezzjoni u għall-ġestjoni sensittiva tal-migrazzjoni fil-Balkani tal-Punent, li se jiffoka fuq tliet oqsma: l-identifikazzjoni tal-migranti, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni fil-livell intrareġjonali u interreġjonali u mekkaniżmi biex joffru soluzzjonijiet ta' ritorn, filwaqt li jiġu applikati salvagwardji ta' protezzjoni prattiċi biex jirriflettu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-migranti.⁹

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014

⁹ EUR 8 miljuni f'sostenn

Diġà ġiet approvata għajnuna umanitarja ta' EUR 1.75 miljun għas-Serbja u għall-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex tipprovdi għall-għajnuna ta' emerġenza lir-refuġjati li sejrjn lejn l-Ungerija.

Flimkien mal-għajnuna sostanzjali li diġà ġiet ipprovduta taħt l-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni fis-snin ta' qabel fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntiera, tal-migrazzjoni, tal-ażil u tal-politika, il-Kummissjoni Ewropea qed tqis aktar għajnuna speċifika għall-pajjiż biex issaħħaħ il-kapaċitajiet fil-qasam tal-politika dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-viża bil-għan li ssaħħaħ l-protezzjoni tal-kategoriji vulnerabbli tal-migranti u tal-vittmi tat-traffikar tal-bniedem. Fil-każ partikolari tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja, l-UE qed tappoġġa l-iżvilupp fit-tul tal-politika dwar l-asil u l-immigrazzjoni.¹⁰

Kooperazzjoni operattiva fost l-awtoritajiet għall-għassa tal-fruntiera tal-Balkani tal-Punent u l-Istati Membri tal-UE għandhom jiġu żviluppati ulterjorment. Il-kooperazzjoni tista' tinkludi attivitajiet b'rabta mal-analiżi tar-riskju, it-taħriġ, u l-iskambju tal-aħjar prattiċi. Il-Frontex iffirmit arranġamenti ta' ħidma u bniet kooperazzjoni mas-Serbja, mal-Montenegro, mal-Albanija, mal-Bożnija-Ħerzegovina u mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, u hija lesta biex ikollha rwol attiv f'dan l-isforz.

- **L-Afrika**

L-Afrika, u b'mod partikolari l-Afrika Sub-Saħarjana, tkompli taffaċċja pressjoni demografika, stress ambjentali, faqar estrem, tensjonijiet interni u dgħjufija istituzzjonali, li f'ċerti partijiet spiċċat ukoll f'kunflitt, żieda fil-fraġilità, spostamenti, kriminalità, terroriżmu u radikalizzazzjoni, kif ukoll migrazzjoni irregolari u traffikar kif ukoll anki każijiet umanitarji akbar. L-Unjoni Ewropea qed tittratta dawn l-isfidi flimkien mas-sħab Afrikani permezz tal-istrateġiji reġjonali tagħha (is-Sahel, il-Qarn tal-Afrika, il-Golf tal-Guinea), għajnuna umanitarja, politika ta' żvilupp u programmi ta' għajnuna fir-reġjun u permezz tal-impenn b'saħħtu tagħha li timplimenta l-aġenda ta' reżiljenza.

Il-kunflitt u n-nuqqas ta' strutturi statali għamli mil-**Libja** punt ta' qsim ewlieni għall-Afrikani Sub-Saħarjani biex imorru lejn l-Ewropa, u primarjament l-Italja. L-Unjoni Ewropea qed **tappoġġa b'mod attiv id-djalogu mmexxi min-NU** bejn il-partijiet Libjani sabiex tintlaħaq soluzzjoni paċifika u lesta li tappoġġa gvern futur ta' unità nazzjonali. Sadatant, il-Kummissjoni qed tipprovdi għajnuna umanitarja u ta' żvilupp lill-popolazzjoni migranti vulnerabbli maqbuda fil-Libja.

In-Niġer, wieħed mill-aktar pajjiżi fqar fid-dinja, huwa r-rotta ta' tranżitu ewlieni lejn il-Libja. L-Unjoni Ewropea qed tappoġġa l-iżvilupp tan-Niġer, kif ukoll is-sigurtà tiegħu.¹¹ Fir-reġjun tas-**Sahel**, l-Unjoni Ewropea tappoġġa wkoll il-proċess ta' politika f'**Mali** u l-ftehim ta' paċi mal-gruppi armati fit-Tramuntana. Dan l-impenn jikkontribwixxi għall-istabbiltà bit-

¹⁰ EUR 24 miljun deċiżi/ippjanati fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u EUR 44 miljun deċiżi/ippjanati fis-Serbja.

¹¹ L-EUCAP SAHEL Niġer jappoġġa lill-awtoritajiet Niġerjani fil-prevenzjoni, fil-kontroll u fil-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni irregolari min-Niġer u b'mod partikolari Agadez.

taħriġ tal-qawwiet armati u tal-qawwiet ta' sigurtà ta' Mali.¹² Qed jitqies aktar appoġġ għall-ġestjoni tal-fruntiera. Il-missjonijiet tal-PSDK tal-Unjoni fin-Niġer u f'Mali jikkontribwixxu wkoll biex jappoġġaw l-isforzi għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-bniedem u tat-traffikar tal-migranti.¹³ Bħalissa l-UE qed tappoġġa l-ħolqien ta' 'ċentru multifunzjonali' f'Agadez, punt ta' tranżitu ewlieni. Dan joffri għajjuna u informazzjoni lill-migranti maqbudin u jappoġġa lil dawk li jixtiequ jmorru lura jew li jintegraw fil-komunitajiet ospitanti.

L-Unjoni Ewropea hija wkoll attiva **fl-appoġġ tar-rispons reġjonali kontra Boko Haram**, inkluż fl-appoġġ tat-Task Force Konġunta Multinazzjonali (MNJTF) u fin-Niġer, iċ-Ċad, il-Kamerun u n-Niġerja. Ser jiġu segwiti sforzi ulterjuri biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni umanitarja. **In-Niġerja** tibqa' sors maġġuri ta' migrazzjoni irregolari fl-Unjoni Ewropea. Bħalissa, id-djalogu man-Niġerja dwar il-migrazzjoni, flimkien ma' kooperazzjoni fil-ġlieda kontra Boko Haram, qed jindirizza r-riammissjoni u r-ritorn.¹⁴

L-isforzi tal-Unjoni Ewropea jimmiraw ukoll biex jistabbilixxu mill-ġdid il-governanza u l-istabbiltà fir-**Repubblika Ċentru-Afrikana**¹⁵. Dawn jinkludu appoġġ għall-proċess politiku, l-irkupru ekonomiku, u l-istabbilizzazzjoni ta' missjoni konsultattiva militari. Aktar deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana tista' taffettwa serjament l-istabbiltà reġjonali, is-sitwazzjoni umanitarja diġà serja u tista' twassal ukoll għal spostamenti.

Fis-**Somalja**, l-Unjoni Ewropea tappoġġja r-rikostruzzjoni ta' Stat vijabbli u l-istabbiliment mill-ġdid ta' ambjent sikur permezz tal-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja¹⁶ u l-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-UE. Il-programm ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE qed jagħti appoġġ enormi għall-istabbilizzazzjoni, il-bini tal-istat u l-iżvilupp fis-Somalja taħt il-Ftehim il-Ġdid.

In-nuqqas ta' prospettivi ekonomiċi u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem huma fatturi ta' spinta għal emigrazzjoni mill-**Eritrea**. Fl-2014, 36,990 Eritrej applikaw għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni Ewropea. Kwart ta' miljun fittxew rifuġju fl-Etjopja u fis-Sudan. Bħalissa, l-UE qed tagħmel analiżi kif l-aħjar għandha taħdem mal-Eritrea biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari. F'Diċembru 2014, il-Gvern tal-Eritrea ħabbar li mill-1 ta' Jannar 2015 il-perjodu ta' servizz militari nazzjonali, li kien ta' tul ta' żmien indefinit, għandu jiġi limitat għal tmintax-il xahar għal rekluti ġodda. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni ser ikun kruċjali, peress li t-tul ta' żmien indefinit tas-servizz militari nazzjonali huwa fattur ewlieni ta' spinta għall-migrazzjoni. Id-djalogu mal-Eritrea isir ukoll fil-**Proċess**

¹² Il-missjoni tal-PSDK ċivili tal-UE f'Mali (EUCAP Sahel Mali) tappoġġa r-ristrutturar tal-qawwiet tas-sigurtà domestika ta' Mali (jiġifieri, il-pulizija, il-'gendarmerie', u l-'garde nationale'). L-għan huwa li l-awtoritajiet ta' Mali jingħataw għajjuna biex jiżguraw ordni kostituzzjonali u demokratika u l-kondizzjonijiet ta' paċi fit-tul. Il-missjoni tgħaqquad attivitajiet ta' taħriġ u konsulenza strateġika.

¹³ Fil-qafas tal-Approċċ Komprensiv tal-UE (JOIN(2013) 30), il-missjonijiet tal-PSDK se jiġu artikolati mal-programmi ta' żvilupp biex jimmassimizzaw l-effiċjenza globali.

¹⁴ Fl-2015, ġiet iffirmata Aġenda Komuni dwar il-Migrazzjoni u l-Mobilità man-Niġerja, li tkopri l-koperazzjoni dwar il-migrazzjoni legali, il-migrazzjoni irregolari, il-migrazzjoni u l-iżvilupp u l-protezzjoni internazzjonali.

¹⁵ Għal dan l-għan, fl-2014 l-Unjoni Ewropea flimkien ma' Franza, il-Ġermanja u l-Olanda ħolqot il-fond fiduċjarju Bêkou.

¹⁶ AMISOM: <http://amisom-au.org/>

ta' Khartoum, li jippermetti lill-Unjoni Ewropea biex tinvolvi ruħha mal-pajjiżi kollha fil-Qarn tal-Afrika. Il-Proċess ta' Kartum għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni. **Programm Indikattiv Nazzjonali ġdid ta' EUR 200 miljun ġie nnegożjat għall-Eritrea, b'enfasi fuq l-iżvilupp ekonomiku, l-impjiegi u l-governanza.**

Aktar minn 2 miljun persuna ħarbu minn djarhom fis-Sudan t'Isfel. Mill-2014, l-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew aktar minn EUR 377 miljun f'assistenza umanitarja. L-UE finanzjarjament u politikament tappoġġja wkoll il-proċess immexxi mill-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp u l-mekkaniżmu sabiex ikun hemm monitoraġġ tal-konformità ma' tmiem l-ostilitajiet. L-UE appoġġjat ukoll l-isforzi tal-Unjoni Afrikana u n-Nazzjonijiet Uniti sabiex jintemmu l-kunflitti fis-Sudan li qed ikomplu jiddestabbilizzaw lil dak il-pajjiż.

Il-kunflitt fil-Jemen għandu wkoll impatt fuq il-Qarn tal-Afrika peress li jospita aktar minn 250,000 rifuġjat irreġistrat mir-reġjun, li 95% minnhom huma mis-Somalja. Mill-2011, l-UE kellha rwol attiv fl-appoġġ għat-tranżizzjoni u issa hija involuta bis-sħiħ fl-isforzi internazzjonali biex tinstab soluzzjoni politika għall-kriżi fil-Jemen.

Ħafna pajjiżi Afrikani, b'mod partikolari fil-Qarn tal-Afrika, bħal pereżempju l-Etjopja, is-Sudan u l-Kenja, u fil-Lag Ċad jospitaw komunitajiet kbar ta' refuġjati li ħafna drabi jwasslu għal sitwazzjonijiet li jdumu fit-tul. Għajjuna umanitarja u programmi ta' żvilupp eżistenti diġà jipprovdu appoġġ għar-rabta bejn l-għajjuna għar-rikostruzzjoni u l-iżvilupp. It-tisħiħ tar-reżiljenza huwa għaldaqstant kruċjali.

Il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli ser ikomplu jaħdmu lejn is-sejbien ta' soluzzjonijiet dejjiema biex jiġi evitat l-ispostament fit-tul. Mingħajr opportunitajiet ta' żvilupp, it-tensjonijiet bejn il-popolazzjonijiet jista' jwassal għad-destabilizzazzjoni ta' reġjuni sħaħ bl-istigazzjoni ta' movimenti sekondarji kbar, inkluż lejn l-Ewropa. Min-naħa l-oħra, l-iżgurar li refuġjati u persuni spostati internament jsiru kontributori ekonomiċi jnaqqas l-impatti u l-kosti ekonomiċi u jikkontribwixxi għat-tkabbir, li huma ta' benefiċċju kemm għal refuġjati kif ukoll għall-ospitanti tagħhom.

Il-Kummissjoni Ewropea ser tressaq approċċ ġdid orjentat lejn l-iżvilupp rigward l-ispostament furzat, li ser jiġi implimentat flimkien ma' għajjuna umanitarja mill-bidu nett ta' kriżi. Din is-sena tnedew proġetti pilota għall-Afrika ta' Fuq u l-Qarn tal-Afrika. Bl-eżempju tal-Programmi tal-Protezzjoni u l-Iżvilupp Reġjonali fil-Lvant Nofsani, din is-sena tnedew żewġ programmi oħra ta' programmi ta' protezzjoni bħal dan, għall-Afrika ta' Fuq u għall-Qarn tal-Afrika.

- **In-Nazzjonijiet Uniti u l-komunità internazzjonali usa'**

Din il-kriżi mhijiex biss sfida Ewropea iżda waħda internazzjonali ewlenija. Il-kooperazzjoni ma' msieħba internazzjonali ewlenin u man-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari mal-UNHCR u mal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) kif ukoll ma' Organizzazzjonijiet bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (OIM), hija

essenzjali. L-UNHCR għandu responsabbiltajiet speċjali sabiex jindirizza l-kriżi tar-refuġjati. L-UE qed tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UNHCR sabiex ittejjeb l-effettività tal-appoġġ tagħha għal pajjiżi li qed jospitaw popolazzjonijiet kbar ta' refuġjati, u l-ġestjoni ta' flussi fi ħdan l-Unjoni Ewropea. L-UE qed tinteraġġixxi wkoll ma' sħab internazzjonali oħra li għandhom kapaċitajiet qawwija, inkluż fi ħdan ir-reġjun tal-Lvant Nofsani, fl-isforzi tagħha biex iżżid l-għajnuna ġenerali u l-opportunitajiet ta' risistemazzjoni għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali.

Kooperazzjoni fir-riammissjoni u r-ritorn tal-migranti irregolari

Politika effettiva ta' ritorn ta' migranti li jkunu daħlu fit-territorju ta' pajjiż ospitanti b' mod irregolari u li ma jikkwalifikawx għal protezzjoni internazzjonali, hija element essenzjali ta' strateġija koerenti tal-UE sabiex tiġi skoraġġuta l-migrazzjoni irregolari. Fil-preżent, il-perċentwali ta' ritorn fl-Istati Membri tal-UE huma relattivament baxxi. Fl- 2014, inqas minn 40% tal-migranti irregolari li ġew ordnati jtilqu mill-UE fil-fatt effettivament telquv.

L-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (Pajjiżi AKP), jipprovdi l-bażi legali għall-impenn konġunt fir-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini minn pajjiżi tal-AKP. L-UE hija determinata li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-imsieħba Afrikani lejn implimentazzjoni effettiva ta' skemi ta' riammissjoni.

Minbarra l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ta' riammissjoni eżistenti¹⁷ u l-konklużjoni rapida ta' negozjati li għaddejjin bhalissa¹⁸, l-isforzi ser jikkonċentraw fuq **miżuri ta' koperazzjoni Prattika** dwar ir-ritorn, inkluż l-iżvilupp ta' skemi ta' ritorn volontarju assistit. F'dan ir-rigward, **il-proġett pilota li ġie miftiehem dan l-aħħar dwar ir-ritorn lejn il-Pakistan u l-Bangladexx**, se joffri esperjenza importanti dwar it-triq' il quddiem. L-Unjoni Ewropea teħtieġ iżżid l-azzjoni tagħha sabiex tħeġġeġ ir-ritorn ta' migranti irregolari matul ir-rotot. **L-appoġġ tal-UE għall-ħolqien ta' ċentru multifunzjonali f'Agadez iservi għal dan l-iskop.**

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-Ritorn¹⁹, adottat b' mod parallel ma' din il-Komunikazzjoni, tindirizza dan il-qasam tal-politika.

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata responsabbli għall-kuntrabandu tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin

Il-ġlieda kontra netwerks kriminali hija parti essenzjali tal-isforzi tal-Unjoni Ewropea biex issalva l-ħajjiet u tipprevjeni l-isfruttament ta' migranti. It-titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u s-sistemi tal-ġustizzja ta' pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni, kif ukoll mal-aġenziji rilevanti tal-UE u l-Istati Membri huwa kruċjali. F'ħafna

¹⁷ Attwalment hemm fis-seħħ 17-il ftehim ta' riammissjoni: Hong Kong, il-Makaw, is-Sri Lanka, l-Albanija, ir-Russja, l-Ukraina, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Bożinja-Herzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Moldova, il-Pakistan, il-Ġeorġja, l-Armenja, l-Ażerbajġan, it-Turkija u l-Kap Verde.

¹⁸ In-negozjati għadhom għaddejjin mal-Marokk u mat-Tuneżija.

¹⁹ COM(2015) 453

pajjiżi, dan se jirrikjedi appoġġ għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet tal-pulizija, tal-ġustizzja u tal-ġestjoni tal-fruntieri.

L-Unjoni Ewropea hija attur ewlieni f'dak li għandu x'jaqsam mat-titjib tal-kapaċitajiet tal-pajjiżi sħab fil-ġestjoni tal-fruntieri, u fl-implimentazzjoni ta' ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni, u tiegħu approċċ integrat li jżgura li l-fruntieri huma siguri iżda fl-istess ħin jippermetti ċaqliq rapidu ta' flussi leġittimi ta' nies u oġġetti.

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tippreżenta għadd ta' inizjattivi biex jissaħħu l-istrumenti tal-UE disponibbli biex jiġu indirizzati networks tal-kuntrabandu, l-aktar Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-Kuntrabandu ta' Migranti.²⁰ L-uffiċjali ta' kollegament dwar il-migrazzjoni u l-esperti tas-sigurtà stazzjonati f'delegazzjonijiet ewlenin tal-UE ser jikkontribwixxu għal kooperazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet. Għadd ta' operazzjonijiet u missjonijiet tal-PSDK diġà qed jaqdu rwol importanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

Il-Forza Navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea (EUNAVFOR tal-Mediterran MED) hija **operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżi** biex tippovdi sorveljanza, il-ġbir ta' intelligence u l-involvement operattiv potenzjali kontra l-attività ta' kuntrabandu fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali b'rispett sħiħ għal-liġi internazzjonali.²¹

EUCAP Sahel Niger huwa fil-proċess li jiġi msaħħaħ sabiex ikun jista' jappoġġja l-awtoritajiet tan-Niġer biex jikkontrollaw il-flussi migratorji fin-Niġer u b'mod partikolari ta' Agadez.²² Il-mandat estiż tal-missjoni ser jiffoka prinċipalment fuq: (i) it-tisħiħ tal-qafas legali Niġerjan dwar il-migrazzjoni, il-kontroll fuq il-fruntieri u l-ġlieda kontra attivitajiet kriminali relatati mal-migrazzjoni irregolari; (ii) il-bini tal-kapaċitajiet tas-servizzi tas-sigurtà Niġerjani inkarigati mill-ġestjoni tal-fruntieri, il-kontroll tal-migrazzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; u (iii) it-titjib fl-effiċjenza tal-ġudikatura. **EUCAP Sahel Mali** diġà qed jikkontribwixxi b'mod indirett għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, fit-taħriġ għall-forzi tas-sigurtà interni. Laħaq il-kapaċità operattiva sħiħa tiegħu f'Awwissu 2015. Bħalissa qed tiġi eżaminata espansjoni simili tal-mandat tiegħu, bħal dak tan-Niġer. Inizjattivi oħra u missjonijiet PSDK fpajjizi oħra fis-Sahel u fil-Qarn tal-Afrika wkoll qed jiġu kkunsidrati, f'koordinazzjoni ma' azzjonijiet bilaterali tal-Istati Membri.

IV. Konklużjonijiet u t-triq 'il quddiem

Il-kapaċità tal-Unjoni Ewropea li tinvolvi ruħha ma' sħab f'pajjiżi terzi se tkun importanti sabiex tiġi indirizzata l-kriżi tar-refuġjati u jiġu ġestiti l-isfidi u l-opportunitajiet b'mod konġunt. Is-Sħubija UE-Afrika dwar il-Migrazzjoni, il-Mobbilità u l-Partenarjat għall-

²⁰ COM(2015) 285 finali.

²¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED) (ĠU Nru L 122 p. 31, 19.5.2015).

²² Il-ftuħ ta' uffiċċju lokali f'Agadez se jipprovdi lill-missjoni b'fehim akbar tal-flussi ta' migrazzjoni u tal-kwistjonijiet relatati, kif ukoll bil-possibbiltà ta' ħidma fuq bażi ta' kuljum mal-awtoritajiet li huma responsabbli għall-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni.

Impjieggi, il-Proċessi ta' Khartoum u Rabat, il-Proċessi ta' Praga u Budapest²³, l-Unjoni għall-Mediterran, is-Sħubija tar-Rotot tal-Ħarir għall-Migrazzjoni, is-Sħubija tal-Lvant, jew id-djalogo dwar il-migrazzjoni AKP-UE huma strumentali f'dan ir-rigward.

Bosta mill-isfidi deskritti f'din il-Komunikazzjoni jistgħu u qed jiġu indirizzati permezz ta' sforzi politiċi u diplomatiċi. L-ewwel u qabel kollox, qed jiġu ddedikati sforzi mgiedda biex jiġu indirizzati l-għeruf ta' din il-kriżi, jiġifieri l-gwerra fis-Sirja u l-Iraq. Ir-Rappreżentant Għoli qed issegwi djalogi ta' livell għoli dwar dawn il-kwistjonijiet, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew, qed tkabbar l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għal pajjiżi u reġjuni u qed tibni fuq sħubiji eżistenti.

Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-orijini u tat-tranżitu qed issir fuq livell bilaterali bl-użu tal-oqfsa eżistenti kollha; b'mod partikolari daww provduti minn **Sħubijiet għall-Mobbiltà**²⁴, l-**Aġenda Komuni dwar il-Migrazzjoni u l-Mobbiltà** jew il-ftehimiet ta' riammissjoni. Se jittieħed impenn fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra, inklużi l-kummerċ u l-iżvilupp, sabiex tiġi diskussa l-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni.

Id-Delegazzjonijiet tal-UE ser jintensifikaw ukoll il-kuntatti mal-awtoritajiet lokali. Qed jissaħħu delegazzjonijiet f'pajjiżi ewlenin ta' tranżitu u orijini permezz tal-iskjerament ta' **Uffiċjal ta' Kollegament dwar il-Migrazzjoni Ewropew (EULMOS)**, kif previst fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni.

Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea qiegħda torganizza żewġ konferenzi ta' livell għoli skont il-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2015:

1. **Is-Summit tal-Belt Valletta dwar il-Migrazzjoni** (il-11 u t-12 ta' Novembru 2015) li ser ilaqqja flimkien il-mexxejja Ewropej u l-pajjiżi Afrikani prinċipali, b'mod partikolari daww li jagħmlu parti mill-Proċessi ta' Khartoum u Rabat, kif ukoll il-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana u l-Komunità Ekonomika tal-Kummissjoni tal-Istati tal-Afrika tal-Punent. Is-Summit ser jiddiskuti, *inter alia*, l-iżviluppar tal-benefiċċji mill-migrazzjoni, il-kawżi ewlenin, il-migrazzjoni legali u l-mobbiltà, il-protezzjoni internazzjonali u l-ażil, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kuntrabandu ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, u l-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni.

2. **Il-Konferenza ta' Livell Għoli dwar ir-Rotta tal-Mediterran tal-Lvant/il-Balkani tal-Punent** (Ħarifa 2015) se tlaqqja flimkien l-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija sabiex jiddiskutu l-flussi ta' migranti u refuġjati fir-rotot tal-Mediterran tal-Lvant/Balkani tal-Punent.

Għal bosta snin, l-Unjoni Ewropea indirizzat l-isfidi migratorji u tar-refuġjati permezz tal-azzjoni esterna tagħha, u ġabret flimkien għodod politiki u ta' żvilupp u għodod ta' għajjnuna

²³ Il-Proċess ta' Budapest jiġbor flimkien pajjiżi mil-Lvant tal-Asja u mill-Asja Ċentrali sax-Xlokk u l-Punent tal-Ewropa tal-Punent.

²⁴ Is-Sħubijiet ta' Mobbiltà joffru qafas komprensiv għal kooperazzjoni bilaterali dwar il-mobbiltà, il-migrazzjoni u kwistjonijiet dwar l-asil. S'issa ġew iffirmati seba' Sħubijiet ma': l-Kap Verde, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Ġeorġja, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Marokk u t-Tuneżija.

umanitarja. Il-kriżi kurrenti tar-refuġjati hija manifestazzjoni akuta ta' problemi kumplessi u antiki; l-għeruq tal-kriżi huma bosta u mhux se jiġu solvuti immedjatament. Sabiex dawn jiġu indirizzati b'mod komprensiv, jinħtieġ approċċ li jinkludi sforzi fuq medda qasira u twila ta' żmien. Fuq kollox, is-solidarjetà u r-responsabbiltà, ser ikunu essenzjali u l-istrumenti differenti għad-dispożizzjoni tal-Unjoni, mid-diplomazija għall-assistenza finanzjarja ser ikollhom jaġixxu b'mod konġunt.

Il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli jappellaw lill-Istati Membri biex juru determinazzjoni meta jindirizzaw is-sitwazzjoni kritika tar-refuġjati u l-problemi li jwasslu lin-nies biex jitolqu minn pajjiżhom. Is-solidarjetà, ir-responsabbiltà u l-unità huma meħtieġa biex jilħqu l-obbligi legali, istituzzjonali u morali li l-Unjoni Ewropea qed tħabbat wiċċha magħhom illum.